# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2115

## tad-29 ta' Lulju 2024

## li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/1937

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937 [1] stabbiliet Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti ("il-Bord").

(2) L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] tiddependi fuq rwol konsultattiv aktar prominenti tal-Bord fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni kif ukoll fuq l-indipendenza u l-aċċess tiegħu għad-dokumenti.

(3) Jenħtieġ li l-Bord jagħti pariri, fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill, dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ta' sorveljanza fiskali multilaterali, inkluż dwar l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ ir-rwol u l-kompetenzi tal-Kummissjoni bbażati fuq it-Trattat.

(4) Jenħtieġ li l-Bord jagħti pariri wkoll dwar il-pożizzjoni fiskali prospettiva xierqa għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. Jenħtieġ ukoll li jagħmel suġġerimenti għall-evoluzzjoni futura tal-qafas fiskali.

(5) Il-Bord jenħtieġ li jikkoopera ma' istituzzjonijiet fiskali indipendenti kif imsemmi fl-Artikolu 8a tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE [3], kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1265 [4], bil-ħsieb li jiġu promossi l-iskambji tal-aħjar prattiċi.

(6) Jenħtieġ li l-President u l-Membri tal-Bord jintgħażlu u jinħatru mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. Sa fejn ikun possibbli, il-ħatriet jenħtieġ li jiżguraw bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri xieraq.

(7) Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-Bord, jenħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet ġodda li jirregolaw il-Bord.

(8) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2015/1937 titħassar u tiġi ssostitwita b'din id-Deċiżjoni.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937 tal-21 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti (ĠU L 282, 28.10.2015, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1937/oj).

[2] Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj).

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/85/oj).

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/1265 tad-29 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L, 2024/1265, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1265/oj).

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment**

Bord Fiskali Ewropew indipendenti ("il-Bord") huwa stabbilit.

*Artikolu 2*

**Missjoni u kompiti**

1. Il-Bord għandu jagħti pariri lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom fis-sorveljanza fiskali multilaterali kif stabbilit fl-Artikoli 121, 126 u 136 tat-TFUE.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Bord għandu:

(a) jipprovdi evalwazzjoni *ex post* f'waqtha tal-implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza fiskali tal-Unjoni;

(b) jagħti pariri dwar il-pożizzjoni fiskali prospettiva xierqa għaż-żona tal-euro kollha kemm hi, kif ukoll dwar il-pożizzjonijiet fiskali nazzjonali xierqa li huma konsistenti miegħu skont ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

(c) fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill, jagħti parir dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, inkluż dwar l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1263;

(d) jikkoopera mill-qrib ma' istituzzjonijiet fiskali indipendenti kif imsemmi fl-Artikolu 8a tad-Direttiva 2011/85/UE;

(e) jagħmel suġġerimenti għall-iżvilupp futur tal-qafas fiskali.

3. Is-Segretarjat tal-Bord għandu mingħajr dewmien jinforma lill-Kunsill jew lill-Kummissjoni bit-talbiet għal parir indirizzati lill-Bord mill-istituzzjoni l-oħra.

*Artikolu 3*

**Kompożizzjoni u ħatra**

1. Il-Bord għandu jkun magħmul minn President tal-Bord u erba' membri.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura, sa fejn ikun possibbli, bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri xieraq fil-kompożizzjoni tal-Bord.

3. Il-President u l-membri tal-Bord għandhom jintgħażlu u jinħatru minn fost esperti magħrufa internazzjonalment abbażi tal-mertu, il-ħiliet u l-għarfien li għandhom jiġu vvalutati skont esperjenza analitika ppruvata u kompetenzi fl-analiżi tal-finanzi pubbliċi u fil-makroekonomija.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-lista ta' persuni maħtura proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-konsultazzjoni, u titlob l-opinjonijiet tagħhom fi żmien xahar mit-trasmissjoni.

5. Il-President u l-membri tal-Bord għandhom jinħatru mill-Kummissjoni fuq proposta tal-President, wara li jkunu kkonsultaw lill-Kummissarju u lill-Viċi President tal-portafoll kif xieraq.

6. Il-President u l-membri tal-Bord għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet snin, li jista' jiġġedded darba.

7. Il-President u l-membri tal-Bord għandhom jinħatru bħala Konsulenti Speċjali, bl-istatus u r-remunerazzjoni tagħhom stabbiliti fl-Artikoli 5, 123 u 124 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra.

*Artikolu 4*

**Indipendenza**

1. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, il-membri tal-Bord għandhom jaġixxu indipendentement u ma għandhomx ifittxu jew jieħdu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, jew minn xi gvern ta' xi Stat Membru jew minn xi entità pubblika jew privata oħra.

2. Il-membri tal-Bord għandhom jiddivulgaw kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali fir-rigward ta' valutazzjoni jew opinjoni partikolari lill-President tal-Bord, li għandu jieħu miżuri xierqa, u jista' jiddeċiedi li l-membru konċernat m'għandux jieħu sehem fit-tħejjija u l-adozzjoni ta' dik il-valutazzjoni jew opinjoni. Il-Bord għandu jindirizza l-kunflitti ta' interess potenzjali tal-President.

3. Il-membri tal-Bord għandhom id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolamenti tal-Persunal.

*Artikolu 5*

**Funzjonament**

1. Il-President għandu jkun responsabbli biex jissorvelja l-prestazzjoni tal-kompiti fdati lill-Bord u biex jiżgura t-tħaddim tajjeb tiegħu. Il-President għandu jsejjaħ u jippresiedi l-laqgħat tal-Bord.

2. Il-Bord għandu jadotta l-opinjoni tiegħu biss meta tal-anqas tliet membri, inkluż il-President, ikunu qed jipparteċipaw. Il-Bord għandu jfittex li jadotta pariri b'kunsens. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, huwa għandu jiddeċiedi b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu preżenti fil-laqgħa inkluż il-President, fejn l-astensjonijiet ma jingħaddux bħala vot. F'każ li l-voti jiġu ndaqs, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv.

3. Il-Bord għandu jistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess.

4. Il-Bord għandu jopera f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess. Il-laqgħat tal-Bord m'għandhomx ikunu miftuħa għall-pubbliku. Il-laqgħat jistgħu jieħdu l-forma ta' laqgħat fiżiċi, online jew ibridi.

5. Memorandum ta' Qbil li jistabbilixxi l-modalitajiet prattiċi rigward l-ambitu u l-mezzi ta' kooperazzjoni, inkluż b'mod partikolari l-aċċess għal informazzjoni relevanti, għandu jiġi konkluż bejn il-Bord u s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni. Il-Bord għandu jikkonkludi arranġamenti ta' ħidma ekwivalenti mal-Kunsill.

6. Il-President tal-Bord jista' jiġi mistieden jippreżenta l-pariri u l-opinjonijiet tiegħu, kif ukoll ir-rapport annwali tiegħu, fil-laqgħat tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill fejn dawn jiġu diskussi.

7. L-ispejjeż għall-ivvjaġġar u s-sussistenza tal-President tal-Bord u l-Membri għandhom jitħallsu lura mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni. Dawk l-ispejjeż għandhom jiġu rimborżati lura fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli, allokati skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

*Artikolu 6*

**Segretarjat**

1. Il-Bord għandu jkun appoġġat minn segretarjat li jkun jikkonsisti f'Kap tas-Segretarjat u membri tal-persunal ta' sostenn iddedikati.

2. Fit-twettiq tal-kompiti assenjati lill-Bord, is-Segretarjat għandu jopera biss fuq struzzjonijiet mill-Bord. Huwa għandu:

(a) jassisti lill-Bord fit-tħejjija tal-laqgħat tiegħu, fir-rieżami tad-dokumenti li għandhom jiġu diskussi u fil-monitoraġġ tal-andament tax-xogħol skont il-prijoritajiet stabbiliti mill-Bord;

(b) jipprovdi appoġġ analitiku, statistiku, amministrattiv u loġistiku ta' kwalità għolja lill-Bord taħt id-direzzjoni tal-President tal-Bord;

(c) jiżgura l-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti kif meħtieġ għall-appoġġ tal-missjoni u l-kompiti tal-Bord;

(d) jinforma fil-ħin lill-Kummissjoni jew lill-Kunsill dwar it-talbiet konsultattivi li l-Bord ikun irċieva mingħand l-istituzzjoni l-oħra.

3. Il-Kummissjoni għandha taħtar il-Kap tas-Segretarjat, wara li tkun ikkonsultat mal-President tal-Bord.

4. Jekk il-President tal-Bord ikun għadu ma nħatarx jew il-mandat tiegħu jkun skada, il-Kummissjoni għandha taħtar direttament il-Kap tas-Segretarjat.

5. Il-membri l-oħra tas-Segretarjat għandhom ikunu uffiċjali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali, jew esperti nazzjonali ssekondati, magħżula mill-Kap tas-Segretarjat bi ftehim mal-President tal-Bord. Il-membri kollha tas-Segretarjat għandhom jintgħażlu abbażi ta' kwalifiki għoljin u esperjenza f'oqsma rilevanti għall-attività tal-Bord.

6. Għal skopijiet amministrattivi, is-Segretarjat għandu jkun marbut mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni.

*Artikolu 7*

**Trasparenza**

Il-Bord għandu jirrapporta darba fis-sena dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Ir-rapporti u l-pariri kollha tal-Bord Fiskali Ewropew għandhom isiru pubbliċi.

*Artikolu 8*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1937 titħassar.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN